

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

<http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html>

**Emendi għar-Regolament Nru 100 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema ta' motopropulsjoni elettrika [2018/1858]**

Emendi għar-Regolament Nru 100 ippubblikat fil-ĠU L 87 tal-31 ta' Marzu 2015

Li jinkorpora:

Is-Suppliment 2 għas-serje ta' emendi 02 – Id-data tad-dħul fis-seħħ: 29 ta' Jannar 2016

Is-Suppliment 3 għas-serje ta' emendi 02 – Id-data tad-dħul fis-seħħ: 18 ta' Ġunju 2016

Fit-test kollu tar-Regolament (inklużi l-annessi kollha), Sistema ta' Ħażna ta' Enerġija Rikarikabbli (REESS), tiġi emendata biex taqra: Sistema ta' Ħżin ta' Enerġija Elettrika Rikarikabbli (REESS).

Il-Paragrafi 5.1 sa 5.1.1.3, jiġu emendati biex jaqraw:

“5.1. Protezzjoni minn xokkijiet elettrikiċi

Dawn ir-rekwiżiti tas-sikurezza elettrika japplikaw għall-assemblaġġi ta' vultaġġ għoli taħt kundizzjonijiet fejn mhumiex imqabbda ma' provvisti tal-elettriku ta' vultaġġ għoli esterni.

5.1.1. Protezzjoni minn kuntatt dirett

Il-protezzjoni minn kuntatt dirett ma' partijiet li fihom il-kurrent hija meħtieġa wkoll għal vetturi mgħammra bi kwalunkwe tip ta' REESS approvat skont il-Parti II ta' dan ir-Regolament.

Il-partijiet li fihom il-kurrent għandhom ikunu protetti minn kuntatt dirett u għandhom ikunu konformi mal-paragrafi 5.1.1.1 u 5.1.1.2. Kwalunkwe lqugħ, sistemi ta' għeluq, iżolataturi solidi u konnetturi ma għandhomx ikunu jistgħu jiġu miftuħa, separati, żarmati jew imneħħija mingħajr l-użu ta' għodda.

Madankollu, il-konnetturi (inkluż il-punt tad-dħul tal-vettura) huma permessi li jiġu separati mingħajr l-użu ta' għodda, jekk jissodisfaw wieħed jew aktar mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Huma konformi mal-paragrafi 5.1.1.1 u 5.1.1.2 meta jiġu separati, jew

(b) Jinsabu taħt l-art u jiġu pprovduti b'mekkaniżmu ta' llokkjar, jew

(c) Jiġu pprovduti b'mekkaniżmu ta' llokkjar. Komponenti oħra, li ma jkunux parti mill-konnettur, għandhom ikunu jistgħu jitneħħew biss bl-użu ta' għodda sabiex ikun jista' jiġi sseparat il-konnettur, jew

(d) Il-vultaġġ tal-partijiet li fihom il-kurrent jiġi daqs jew inqas minn 60 V DC jew daqs jew inqas minn 30 V AC (rms) fi żmien sekonda wara li jiġi sseparat il-konnettur.

5.1.1.1. Għall-protezzjoni tal-partijiet li fihom il-kurrent ġewwa l-kompartiment tal-passiġġieri jew il-kompartiment tal-bagalji, għandu jiġi pprovdut grad ta' protezzjoni IPXXD.

5.1.1.2. Għall-protezzjoni tal-partijiet li fihom il-kurrent f'żoni għajr il-kompartiment tal-passiġġieri jew il-kompartiment tal-bagalji, il-grad ta' protezzjoni IPXXB għandu jiġi ssodisfat.”

Il-paragrafi 5.1.1.4 sa 5.1.1.5.3 (preċedenti), jiġi nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi 5.1.1.3 sa 5.1.1.4.3.